GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

Comment [IC1]: Page: 1

SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 12 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 34**

**Avviz Nru: 543/01AE**

C. Camilleri & Sons Limited

vs

George Mallia u Rosalinda Mallia

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u hames liri Maltin u sitta u erbghin centezmu centezmu (Lm605.46) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra n-nota ta' riduzzjoni li giet prezentata mis-socjeta attrici fis-seduta tal-lum u li permezz taghha giet ridotta t-talba bis-somma ta' Lm400, u b'hekk fadal x'jithallas il-bilanc ta' mitejn u hames liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm205.46).

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux fis-seduta tal-5 u 12 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentawx risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u hames liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm205.46), dovuta ghar-ragunijiet premessi.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**